DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 180234** **01.02.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Il-Parlament ta' Kulħadd***

"Inħossni kburi bħala President ta' din il-Kamra li nsegwi bil-qalb dan il-qasam, li nara l-impenn tal-politiċi u r-rappreżentanti tagħna favur il-persuni b'diżabbiltà. Illum l-istatistika turi biċ-ċar l-impenji tal-Gvern, hekk kif bil-miżuri t'inklużjoni u infurzar favur il-persuni b'diżabbilità, illum dawk fostkom li kienu jfittxu x-xogħol naqas bin-nofs sa Lulju tas-sena 2017, u ta' dan jien kburi bl-impenn tal-Gvern u l-Oppożizzjoni flimkien mal-firxa wiesgħa ta' persuni li jmexxu dawn l-għaqdiet fl-interess ta' kull wieħed u waħda minnkom", qal l-Ispeaker Anġlu Farrugia meta fetaħ is-seduta speċjali tal-Parlament ta' Kulħadd.

F'kelmtejn li għamel, l-Ispeaker elenka diversi drittijiet u libertajiet fundamentali li persuni b'diżabbiltà kisbu matul iż-żmien. Huwa semma t-twaqqif tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà fis-sena 2000 sabiex tkun eliminata kull forma ta' diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabbiltà. Huwa għamel referenza għall-Att dwar Opportunitajiet Indaqs tas-sena 2000 u l-Konvenzjoni (tal-Ġnus Magħquda) dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà 2007, li għandhom l-għan sabiex jippromwovu, jipproteġu u jiżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabbiltà u r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom.

Anġlu Farrugia kompla billi qal li pajjiżna jieħu ħsieb sew tal-persuni b'diżabbiltà għaliex ilkoll kemm aħna nqisu l-persuni b'diżabbiltà bħala wlied pajjiżna u ħaġa waħda minna. Jeżisti impenn ġenerali sabiex jitwettqu aktar miżuri bl-għan li titjieb il-qagħda u l-għajxien tal-persuni b'diżabbiltà f'pajjiżna.

"L-Istat Malti għandu d-dmir li jkompli jsostni lil dawk kollha li jeħtieġu l-għajnuna sabiex huma jingħataw il-mezzi neċessarji biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet u ħiliet intelletwali, professjonali, u s-snajja tagħhom. B'hekk inkunu qed insaħħu r-riżorsi umani tal-poplu Malti u Għawdxi sabiex bid-dehen u l-għaqal tagħna nkomplu, b'ħidmietna u xogħlna, fil-miġja tagħna bħala poplu lejn aktar progress ekonomiku, soċjali, u uman", ikkonkluda l-Ispeaker.

Għal din is-seduta speċjali tal-Parlament ta' Kulħadd ipparteċipaw membri parlamentari miż-żewġt naħat tal-Kamra kif ukoll diversi rappreżentanti ta' għaqdiet u assoċjazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt